A.L. 83 ta' l-1994

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1994 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1994 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-30 ta' Ġunju, 1994. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) Blokk ta' tmien maisonettes imsemmija Binja l-Isptar il-Qadim, li jinsab fi Triq San Innoċenzju kantuniera ma' Triq Mikielanġ Sapiano fi Mqabba, magħmul minn erba' maisonettes fil-pjan terren u erba' maisonettes fl-ewwel sular, li kollha huma aċċessibbli minn bibien esterni, u enumerati minn 1 sa 8 kif delineati bl-aħdar fuq L.D. 89/86/3. Il-blokk kollu huwa konfinat mit-Tramuntana bi triq pubblika, minn Nofs-in-Nhar bi Triq San Innoċenzju u mil-Lvant bi Triq Mikielanġ Sapiano, u inbniet fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tagħmel parti minn Rural Tenement Nos. 50929 u 50928.

(2) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Tas-Swatar, limiti Msida:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 173 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' Triq is-Swatar, mix-Xlokk ma' Eugenio Fenech u minn Nofs-in-Nhar ma' Triq Ġużè Ellul Mercer, markata bħala Plot 65 u delineata bl-aħdar fuq L.D. 19/91/2;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 136 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' Triq is-Swatar, mil-Lbiċ ma' Marlene Pace u mill-Majjistral ma' Rose Sammut, markata bħala Plot 18 u delineata bl-aħdar fuq L.D. 19/91/2;

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 136 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' Triq is-Swatar, mix-Xlokk ma' Vincent Schembri u mil-Lbiċ ma' Marlene Pace, markata bħala Plot 19 u delineata bl-aħdar fuq L.D. 19/91/2.

(3) Flat numru 2, Blokk Nru. 5, Triq il-Fosos, Floriana (Tenement No. 67977).

(4) Flat numru 9, Blokk 3, Bieb A, Triq Tal-Mitħna, Gudja (Tenement No. 72865).

(5) Id-dar bin-numru 16, Triq il-Labour, Marsaxlokk (Tenement No. 70073).

(6) Id-dar bin-numru 30, Triq il-Ħannieqa, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Għaxaq.

(7) Flat numru 1, Blokk G, Unit Nru. 1, Bini tal-Gvern, Paola (Tenement No. 62206).

(8) Maisonette bin-numru 44, Joseph Stivala Street, Paola (Tenement No. 61811).

(9) Maisonette bin-numru 70, Triq is-Sorijiet, Paola (Tenement No. 61784).

(10) Flat numru 6, Entratura A, Appartamenti 21 ta' Settembru, 1964, Ta' Żwejt, San Ġwann (Tenement No. 76693).

(11) Flat numru 3 f'Nru. 188F, Triq Sant'Orsla, Valletta (Tenement No. 62957).

(12) Id-dar bin-numru 11, Triq San Leonardu, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Xgħajra, limiti Żabbar (Tenement No. 70381).

(13) Flat numru 8 f'Nru. 1, Triq San Franġisk, Floriana (Tenement No. 63749).

(14) Id-dar bin-numru 9, Triq Xemxija, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Marsa (Tenement No. 72242).